MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2014

Avviz Numru. 377/2012

**Double R Meats Company Limited (C-21340)**

**vs**

**Palm Court Limited (C-2677)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors promotur ipprezentat mis-socjeta’ attrici fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar it-13 ta’ Novembru 2012 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lis-

socjeta’ konvenuta thallasha s-somma ta’ erbat elef, hames mija u hmistax-il Ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€4,515.29) rapprezentanti bilanc ta’ prezz dovut minnha lis-socjeta’ mittenti ghal bejgh ta’ merkanzija fuq struzzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra s-socjeta’ konvenuta mid-data tal-fattura relattiva, li tibqa’ ngunta ghas-subizzjoni.

Rat illi s-socjeta’ konvenuta kienet debitament notifikata skond riferta pozittiva tal-Marixxall Eugenio Mallia datata 28 ta’ April 2014 fejn thalliet kopja tal-avviz fl-indirizz tas-socjeta’ konvenuta, fil-Kunsill Lokali tal-Gharghur kif ukoll fl-Ghassa tal-Pulizija tal-Gharghur (fol. 30 tergo).

Rat illi s-socjeta’ konvenuta giet ukoll notifikata bir-rikors promotur permezz ta’ publikazzjoni fil-gazzetta tal-Gvern nhar is-27 ta’ Gunju 2014 (fol 33) u fil-gazzetta lokali Times of Malta nhar is-27 ta’ Gunju 2014 (fol 35).

Rat illi fis-seduta tat-2 ta’ Lulju 2014 is-socjeta’ konvenuta giet imsejha izda ma dehritx biex tikkontesta t-talba attrici.

Rat illi l-avukat difensur tas-socjeta’ attrici pprezenta kapitolu ghas-subizzjoni tas-socjeta’ konvenuta dakinhar tat-2 ta’ Lulju 2014.

Rat illi fis-seduta tad-9 ta’ Lulju 2014 is-socjeta’ konvenuta ma dehritx ghas-subizzjoni taghha sabiex twiegeb id-domandi attrici.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta' attrici jghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbat elef, hames mija u hmistax-il Ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€4,515.29) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika tar-rikors promotur kontra s-socjeta' konvenuta.**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------